**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Micallef**
**V**

**COSTANTINO BORG**

**Illum, ta' , 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **COSTANTINO BORG** ta' tlieta w erbghin sena, bin Vincent u Carla nee Borg, imwieled B'Kara nhar t-tmintax ta' Awissu, 1956 u joqghod No 1, Sqaq numru 3, Triq Ghar l-Gobon, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 542856M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'B'Kara nhar l-ghaxra ta' Gunju, 1999 kkaguna feriti ta'natura gravi fuq il-persuna ta' Michael Buhagiar minn B'Kara liema ferita ggib sfregju gravi u permanenti u talli kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Carmen Buhagiar minn B'Kara.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hdax ta' Mejju, 2001 fejn l-istess Avukat Generali dehrlu li fin-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat din il-kawza ghandha tigi trattata bi procedura sommarja.

Il-Qorti semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-ghaxra ta' Gunju, 2001 li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Il-Prosekuzzjoni ressqet lil **PS 1043 Francis Pace** jixhed u jispjiega li nhar l-ghaxra ta' Gunju, 1999 ghall-habta tad-disgha nieqes kwart ta' filghaxija huwa kien l-Ghassa ma WPC 178 Silvana Bellia meta dahal l-imputat li huwa gharaf presenti l-Qorti bhala Costantino Borg, flimkien ma ohtu Carmen Borg, ghaddilhom mus u qallhom li huwa kellu xi jghid ma garr tieghu fuq kwistjoni ta' parking u Carmen Buhagiar harget ghalih b'mus. Huwa rnexxilu jehodulha u ghalhekk hadu l-Ghassa. WPC 178 Silvana Bellia kkonfermat dan r-rapport.

Dan il-mus jinsab esibit fl-atti bhala dokument CSH minn PS 1043 Pace.

A bazi ta' dan r-rapport PS 1043 Pace baghat lil PC 169 Jones u PS 38 Zahra sabiex igibu l-garr l-Ghassa sabiex jkellmuh u baghat lil Carmen Borg d-dar.

F'dan l-hin waslet telefonata l-Ghassa li fl-istess Triq Ghar il-Gobon, kien hemm il-glied u ghalhekk PC 1122 Rizzo mar wkoll fuq il-post.

PS 38 Zahra, PC 169 Jones u PC 1122 Rizzo ilkoll jghidu li raw lil mart l-vittma Carmen Buhagiar u oht l-imputat Carmen Borg fl-idejn u l-imputat u Michael Buhagiar f'xulxin.

Michael Buhagiar kellu wiccu mimli demm. Dak il-hin il-Pulizija taw s-solita twissija lil imputat u staqsewh jekk kien hu li gidem ix-xoffa ta' Michael Buhagiar u huwa wiegeb billi qal li "qarasihlu bi snienu."

**Michael Buhagiar** xehed fit-tmienja w ghoxrin ta' April, 2000 u spjiega l-arrangament li kellu mal-imputat dwar parking fl-isqaq

fejn jghixu.  Huwa spjiega li di solitu jipparkjaw il-vetturi taghhom wara xulxin.  Spjiega li l-imputat jahdem bix-shift u ghalhekk skond ix-shift tieghu jidhlu l-karozzi fis-sens li jekk ser jibda kmieni filghodu jipparkja fit-tarf tal-isqaq biex johrog l-ewwel bil-kwiet minghajr ebda inkonvenjent.

Irrakkonta kif dakinhar tal-ghaxra ta' Gunju, 1999 huwa kien halla l-vettura tieghu barra l-isqaq u oht l-imputat qaltlu biex icaqlaq l-vettura.  L-imputat wasal ftit wara u skond Michael Buhagiar beda jitkellem hazin u joffendih.  Huwa kien sejjer jcaqlaq il-vettura u sema lil imputat jilletika ma martu.  Dak il-hin jghid li ra lil Carmen Borg taghti u tigi fl-idejn ma martu u ohtu u huwa mar jferraqhom u l-imputat gidimlu xofftejh.

**Carmen Buhagiar** xehdet fis-sitta ta' Settembru, 2000 u qalet li waqt li kienet d-dar nhar l-ghaxra ta' Gunju, 1999 tqaxxar il-patata bil-mus, semghet ghajjat barra u l-garr taghha l-imputat odjern joffendi u jhedded lil zewgha.  Hija harget tigri 'l barra, ippanikkjat u qalet lil imputat sabiex ma jmissx lil zewgha.  Hija kkonfermat li l-mus kien f'idejha u li l-imputat hatafulha u hadu l-Ghassa.  Wara xi hin waslu l-Pulizija u l-incident kompla.  Carmen Borg bdiet taghtiha u qasmitilha xofftejha u l-imputat qabad f'zewgha u gidimlu xofftejh.

**Jane Micallef** oht Carmen Buhagiar wkoll kkonfermat kif Carmen Borg tat daqqa f'wicc ohtha. Kkonfermat wkoll li kien l-imputat li gidem lil Michael Buhagiar.

Illi b'digriet taghha tat-tmienja w ghoxrin ta' April, 2000 il-Qorti kienet nnominat lil Doctor Dino Vella Briffa Konsulent fid-Dermatologija fl-isptar Sir Paul Boffa sabiex jezamina il-ferita li sofra Michael Buhagiar.

Illi fis-sitta ta' Settembru, 2000 **Doctor Dino Vella Briffa** xehed u ddeskriva b'mod dettaljat l-ferita li subixxa Michael Buhagiar liema ferita fil-fehma tieghu kienet ta' natura gravi u li kienet tikkonsisti fi sfregju permanenti.

**Rita Borg** u ohtha **Carmen Borg** xehdu u spjiegaw kif Carmen Borg marret tkellem lil Michael Buhagiar u qallu biex jcaqlaq il-vettura tieghu biex l-imputat jipparkja warajh peress li l-ghada kellu iqum kmieni ghax-xoghol. Ftit tal-hin wara wasal l-imputat bil-vettura tieghu pero Michael Buhagiar kien ghadu ma caqlaqx il-vettura tieghu u ghalhekk beda jpaqpaq il-horn.

Michael Buhagiar hareg u beda jghajjat mal-imputat u Carmen Buhagiar harget mus ghall-imputat. Hija flimkien ma ohtha marru jzommuh milli jagredixxi lil huhom.

Spjegat kif hija u l-imputat hadu l-mus l-Ghassa. Is-Surgent baghtha d-dar u meta rritornaw Carmen Borg staqsiet lil Carmen Buhagiar ghaliex kien inqala l-incident u dak l-hin wiegbet li hija 'mara tat-triq' u ghalhekk Carmen Borg gholliet idejha ghaliex hassitha ingurjata w inqala t-tieni incident. In-nisa bdew jaghtu bejniethom waqt li l-irgiel cioe l-imputat u Michael Buhagiar gew fl-idejn u kien f'dan il-hin li l-imputat gidem lil vittma.

Illi dwar minnn kkaguna l-ferita ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn d-Difiza u l-Prosekuzzjoni u lanqas dwar t-tip ta' ferita. Il-kontestazzjoni hija biss rigward l-motif ghaliex saret il-ferita.

Il-Prosekuzzjoni qed ssostni li l-imputat aggredixxi lil vittma u voluntarjament kkagunalu l-ferita waqt li d-Difiza qed ssostni li dak li ghamel l-imputat, ghamlu bhala rizultat ta' *self defence*.

Illi kif hu ben saput, il-gustifikazzjoni ghall-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva, l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difeza trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkrejata unikament mhux minn min jaddatta dak t-tip ta'difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew thedded jew dannu imminenti.

Fil-fatt l-artikolu 233 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew peremessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin tta' Jannar, 1995*** fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulziija v Joseph Psaila** fejn dik ikl-Qorti rriteniet is-segwenti:

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jiwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu ikun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Izda hawnhekk ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel d-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa b'uzu ta' l-azzjoni.  Fil-fatt kif jghid il-**Professur Mamo fin-*Noti*** tieghu:

> *"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

Wiehed ghalhekk irid jpoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni u stat mentali u psikologiku tal-imputat difensur meta agixxa b'dak il-mod fic-cirkostanzi kif setgha hassu dak il-hin u mument cioe jekk kienx imbezzgha u /jew panikuz.

L-imputat ma xhedx f'dawn il-proceduri u lanqas ma gie esibit xi statement tieghu u ghalhekk il-Qorti ma hiex f'posizzjoni tkun taf l-istat mentali jew psikologiku li kellu l-imputat dakinhar tal-incident. Pero minn dak li xehdet Carmen Borg jidher li l-imputat kien gie attakkat minn Michael Buhagiar tant li qabadlu wiccu.

Id-dokument CSH 4 li hu c-certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor Eileen Grech jikkonferma li l-imputat kellu girfa zghira kwazi insinifikanti fuq in-naha tal-lemin ta' wiccu . Mid-dokument CSH 1 li hu l-qalziet imqatta li kien liebes l-imputat dakinhar tal-incident, jirrizulta li l-imputat safa aggredit skond hu min Michael Buhagiar. Il-Pulizija li kien fuq il-post jghidu li raw lil imputat u lil Michael Buhagiar f'xulxin u ghalhekk il-probabbilita hi li l-aggressjoni li saret fuq l-imputat giet minn Michael Buhagiar pero il-Qorti ma tqisx tali aggressjoni bhala wahda ingusta, gravi w inevitabbli kif rikjesta mill-ligi. Zgur li l-attakk fuq l-imputat ma kienx wiehed gravi u wisq inqas inevitabbli ghaliex fil-fatt l-incident ta' perikolu kien diga spicca ghaliex kien l-imputat stess li kien ha l-mus l-Ghassa.

F'din il-kawza il-Qorti ma thossx li l-imputat kien d-difensur izda li kien l-attakkat u ghalhekk il-Qorti ma thossx li jista jikkjama d-difiza ta' leglittima difesa meta s-sitwazzjoni holoqha hu stess bl-attituduni u aggressivita tieghu matul l-incident.

Jirrizulta li mhux kontestat li l-imputat beda jitkellem hazin u hedded lil familjari ta' Michael Buhagiar u dan ghal xejn. Semplicement ghaliex dam ma jressaq il-karozza minn nofs sabiex jipparkja hu l-ewwel.

L-Avukat Difensur qed jsostni li l-attakk kien ingust ghaliex Carmen Buhagiar kellha mus f'idejha.

Il-Qorti bir-rispett kollu ma taqbilx ma din s-sottomissjoni ghaliex fil-hin li inqala dan l-incident il-mus kien f'idejn il-Pulizija. L-imputat beda jattakka lil Michael Buhagiar meta ra lil hutu bniet qed jigu attakkati minn Carmen Borg u ohtha Jane Micallef. Ir-reazzjoni tal-imputat kellu tkun fuq dawn in-nisa u mhux fuq Michael Buhagiar li sa dak il-hin ma kien ghadu ghamel xejn.

Dan l-incident setgha facilment gie evitat specjalment kieku kien hemm il-presenza tal-Pulizija . Fil-fatt kif qalu l-Pulizija l-irgiel gew fl-idejn meta raw in-nisa fl-idejn.

Il-Qorti rat l-artikoli ral-ligi u cioe 214, 215, 216, 217, 218, 221, 173, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta minghajr ebda reat jew kontravenzjoni registrata fuqha.

Semghet lil Doctor Joseph Giglio jiddikjara li l-imputat ghamel tajjeb ghal ferita li subixxa Michael Buhagiar u li llum l-gurnata Michael Buhagiar ma ghandu ebda pretenzjoni kontra l-imputat.

Il-Qorti pero thoss li ma tistax thalli dawn it-tip ta' attakki barabari isiru f'socjeta civilizzata u ghalhekk thoss li ghandha zzomm bilanc meta tigi biex tapplika l-piena bejn il-protezzjoni li ghandha taghti lis-socjeta u taghmel gustizzja ma l-imputat.

Il-Qorti ma thossx li ghandha taghti piena karcerarja effettiva ghalkemm il-kaz jimmerita piena karcerarja minhabba il-gravita tal-ferita.

**Ghalhekk il-Qorti wara li tiddikjara li qed issib lil imputat COSTANTINO BORG hati tal-akkuza kif addebitata lilu qed tikkundannah ghal piena karcerja ta' sena sospiza ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In oltre tordna ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jhallas lid-Direttur tal-Qorti l-ispejjes tal-espert nominat mill-istess Qorti Doctor Dino Vella Briffa fl-**

**ammont ta' tletin lira maltin fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat.**

**Oltre dan il-Qorti tordna li l-mus esibit f'dawn l-atti markat bhala CSH 4 jigi konfiskat u b'hekk jghaddi ghand il-Gvern ta' Malta ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**